**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Il-Hamis 3 ta' Ġunju, 2021

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 30

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 30 li ser tinżamm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali, 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju, 2021 fil-17:30.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet*.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

### AĠENDA

30.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
30.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
30.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
30.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
30.5 Rapporti;
30.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
30.7 Aġġornament dwar Miżura 4.4 – Ħitan tas-Sejjieħ fiż-Żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena;
30.8 Aġġornament dwar l-Aġġornament tal-Websajt tal-Kunsill Lokali, is-Sistema ta' Permessi Online u s-Servizz ta' Messaġġi;
30.9 Aġġornament dwar l-Ingaġġ ta' Persuna Klerikali mal-Kunsill Lokali;
30.10 Approvazzjoni tar-Rapport t'Evalwazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – AAT 49/21 – Servizzi t'Accountant u Accountant Technician lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
30.11 Approvazzjoni tar-Rapport t'Evalwazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – RLGC 49/20 – Restawr tal-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja, il-Qrendi;
30.12 L-Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
30.13 Immaniġġjar tat-Traffiku fi Triq Sant'Anna u t-toroq tal-madwar;
30.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
30.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-30 Laqgħa tat-tmien leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 9 ta' Ġunju, 2021 f'7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, u spiċċat fis-19:30.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Patrick Bugeja |
| Kunsilliera | Marion Parnis |
| Kunsillier | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

30.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

30.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

30.2.1 Il-Minuti tad-29 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu pproponuti mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja.

30.2.2 Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda l-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 30.3, 30.4 u 30.5 jiġu diskussi wara Minuta 30.13 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Patrick Bugeja u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

30.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

30.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi ġmielu u nhar il-Ġimgħa li ġej mistenni jingħata l-konkos tas-sular ta' fuq.

30.6.2 Qal li bdejna l-proċess għall-playing field ta' Ġnien Nicolò Communet, fejn nhar it-Tnejn li ġej għandna laqgħa mal-Perit tal-proġett sabiex nifthemu kif ser nipproċedu.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.7 **AĠĠORNAMENT DWAR MIŻURA 4.4 – ĦITAN TAS-SEJJIEĦ FIŻ-ŻONA TA' MISRAĦ IS-SANTWARJU TAL-MADONNA TAL-ĦNIENA**

30.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li x-xogħol miexi tajjeb ħafna u nbeda x-xogħol fl-isqaq ta' wara s-Santwarju.

30.7.2 Qal li ma tantx fadal kostruzzjoni xi jsir, imma fadal it-tindif taż-żona kważi kollha.

30.7.3 Spjega kif għad għandna problema dwar Trejqet il-Vjatku, għaliex donnu s-sidien tal-għalqa li konna ser nagħmlulha l-ħajt tas-sejjieħ mhuma jikkuntentaw b'xejn u qed joħolqu diversi problemi.

30.8 **AĠĠORNAMENT DWAR L-AĠĠORNAMENT TAL-WEBSAJT TAL-KUNSILL LOKALI, IS-SISTEMA TA' PERMESSI ONLINE U S-SERVIZZ TA' MESSAĠĠI**

30.8.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li l-ewwel biċċa tal-websajt hija lesta u s-sistema tal-permessi onlajn qiegħda fuq l-internet u bdiet titħaddem.

30.8.2 Jidher li fil-preżent is-sistema għadha ma qabditx daqshekk minħabba li ilha biss onlajn disat ijiem, u nittamaw li fil-jiem li ġejjin ir-residenti jibdew japplikaw għall-permessi biha.

30.8.3 Qal ukoll li l-aġġornamenti l-oħra fuq il-websajt ser isiru fil-jiem li ġejjin.

30.09 **AĠĠORNAMENT DWAR L-INGAĠĠ TA' PERSUNA KLERIKALI MAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

30.09.1 Is-Sindku David Schembri ħalla l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon biex jispjega dwar il-proċess.

30.09.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li llum għadha kif waslet it-tieni lista

mingħand Jobsplus, u magħha wasal ukoll il-Job Permit Number li permezz tiegħu l-Kunsill Lokali jista' jippubblika s-sejħa fuq mezzi oħra.

30.09.3 Qal li s-sejħa ser iddum barra sat-Tnejn 21 ta' Ġunju, 2021, sabiex jekk ikun possibbli l-intervisti jsiru matul dik il-ġimgħa stess.

## 30.10 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT T'EVALWAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – AAT 49/21 – SERVIZZI T'ACCOUNTANT U ACCOUNTANT TECHNICIAN LILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

30.10.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kumitat t'Evalwazzjoni ltaqa' u għamel l-evalwazzjoni tiegħu.

30.10.2 Qal li l-Kunsill Lokali għandu rapport quddiemu li jindika li l-irħas offerent teknikament konformi ma' dak mitlub fit-tender kien GCS Accounting Malta Limited għas-somma ta' €12,264.00.

30.10.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppropona li r-rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni għandu jiġi aċċettat, bil-Viċi Sindku Patrick Bugeja jissekonda.

30.10.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar dan ir-rapport.

## 30.11 APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT T'EVALWAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – RLGC 49/20 – RESTAWR TAL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA, IL-QRENDI

30.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Bord t'Evalwazzjoni ltaqa' u għamel l-evalwazzjoni tiegħu.

30.11.2 Qal li l-Kunsill Lokali għandu rapport quddiemu li jindika li l-irħas offerent teknikament konformi ma' dak mitlub fit-tender kien Vaults Co. Ltd għas-somma ta' €22,919.30.

30.11.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona li r-rapport tal-Bord

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

t'Evalwazzjoni għandu jiġi aċċettat, bil-Kunsillier Daniel Farrugia jissekonda.

## 30.12 L-INGAĠĠ TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV ĠDID GĦALL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

30.12.1 Is-Sindku David Schembri qal li ser jgħaddi l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon sabiex jispjega dwar dan il-proċess.

30.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li sfortunatament l-ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid għall-Kunsill Lokali tal-Qrendi jinsab miżmum sakemm jintemmu d-diskussjonijiet bejn il-Gvern u l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u l-Kunsilli Reġjonali.

30.12.3 Qal li dan jista' jfisser li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi għandu xhur twal mingħajr Segretarju Eżekuttiv fiss u jittama li dan ma jkunx ta' detriment għall-istess Kunsill Lokali.

30.12.4 Spjega kif sakemm jibda l-proċess u jkun ingaġġat Segretarju Eżekuttiv ġdid, ir-responsabbilità ser tgħaddi fuq is-Sa Stephania Grixti li ser taġixxi ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv.

30.12.5 Qal li jinsab konvint li Sa Grixti ser taqdi d-doveri tagħha bl-aħjar mod possibbli għaliex ilha snin twal tifforma parti mill-istaff tal-Kunsill Lokali u x-xogħol tafu fuq ponot subgħajha.

*Il-Kunsilliera Marion Parnis ħalliet il-laqgħa fis-18:00*

## 30.13 IMMANIĠĠJAR TAT-TRAFFIKU FI TRIQ SANT'ANNA U T-TOROQ TAL-MADWAR

30.13.1 Is-Sindku David Schembri qal li fi Triq Sant'Anna kulma jonqos huma s-sinjali, fosthom parkeġġ ta' persuni b'diżabilità.

30.13.1.1 Qal li kif tkellem fl-aħħar laqgħa, il-Kunsill Lokali għandu bżonn jieħu xi tip ta' deċiżjoni dwar l-immaniġġjar tat-traffiku.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.13.2 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja qal li mill-ftit feedback li rċieva mingħand ir-residenti li joqgħodu fl-akwata, dawn qed jipproponu li t-tlugħ ikun minn Triq San Mattew kantuniera ma' Misraħ il-Maqluba, filwaqt li Triq Sant'Anna tkun inżul biss fid-direzzjoni ta' Triq Patri Nikol Magri ofm.

30.13.2.1 Żied li kien hemm residenti li ppropонew li Triq Ħal Lew issir limitata biss għal dawk biss li jirrisjedu hemmhekk.

30.13.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona proposta oħra, fejn qal li Triq San Mattew u Triq Sant'Anna jsiru one-way, jiġifieri l-vetturi jkunu jistgħu jinżlu 'l isfel biss, u d-dħul ikun minn Triq il-Parroċċa u Triq il-Bali Guarena.

30.13.4 Il-Kunsill Lokali ddeċieda li ser tintbagħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq sabiex naraw kif nistgħu nipproċedu.

## 30.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

30.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara ħafna xhur il-playing field tal-Ġnien tal-Warda tlesta.

30.3.1.1 Qal li fadal biss is-CCTV cameras, u qed nistennew il-modem sabiex dawn jitqabbdu u nkunu nistgħu nsegwu l-filmati.

30.3.1.2 Barra minn hekk, is-Sindku qal li hemm bżonn jinxtara blower sabiex jitneħħa l-weraq li jaqa' mis-siġar, għax meta jiġi fuq it-tapit tal-playing field ma jkunx jista' jinkines bl-ixkupa.

30.3.1.3 Żied li jittama li issa li l-proġett tlesta, ma jsirx vandaliżmu fuq dan il-playing field u li kulħadd igawdiha bl-aħjar mod possibbli.

30.3.1.4 Spjega li hemm bżonn jitħawlu xi xtieli biex insebbħu dik il-parti tal-Ġnien.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 1 tal-GAL Xlokk u qal li bħalissa għandna s-sejħa għall-kwotazzjonijiet fuq is-sistema tal-ePPS.

30.3.2.1 Qal li s-sejħa għall-kwotazzjonijiet għar-restawr tal-kwadru titulari tal-Kappella ta' Santa Katarina ser tagħlaq fit-18 ta' Ġunju, 2021.

30.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena u qal li fl-aħħar xhur instabu l-pedamenti tal-kappella l-antika meta nqala' l-madum preżenti.

30.3.3.1 Qal li s'issa diġà tpoġġa l-geotextile qabel jitqiegħed madum ġdid, imbagħad fuq l-istess madum ser isir id-disinn ta' kif kienet il-kappella l-antika.

30.3.4 Is-Sindku qal li kien ikkuntattjat mill-organizzaturi tal-Camino ta' Santiago de Compostela, fejn jidher li jixtiequ jagħmlu xi ħaġa simili f'pajjiżna.

30.3.4.1 Jidher li jekk din l-attività ssir, is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena ser ikun wieħed mill-postijiet fuq il-mappa tar-rotta.

30.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Wied iż-Żurrieq u qal li sfortunatament għandna numru ta' problemi.

30.3.5.1 Qal li mindu bdew jiġu rilaxxati l-miżuri tal-Covid-19, żdiedu l-problemi, speċjalment mingħand wieħed mis-sidien tal-ħwienet.

30.3.5.2 Spjega kif dan ġab permess mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu sabiex jarma l-imwejjed barra, imma qed jabbuża għaliex qed jieħu kollox qrib il-latrina pubblika, f'post li huwa pubbliku.

30.3.5.3 Żied kif din is-soft area hija tal-poplu, u allura ma jistax ikun li sid ta' ħanut jagħmel din iż-żona tiegħu.

30.3.5.4 Qal li l-Kunsill Lokali tkellem mal-ERA u mal-Awtorità għall-Ippjanar, u qed nistennew risposta mingħandhom dwar dan il-każ.

30.3.5.5 Barra minn hekk, qal li kellmuna wkoll ta' Din l-Art Helwa, li qed iħossuhom mhedda minħabba Torri Xutu, għax dan is-sid tal-ħanut

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

qed jidħol f'parti li hija responsabbilità tagħhom.

30.3.5.6 Is-Sindku qal li wasal iż-żmien li nipprotestaw bil-qawwa u nwaqqfu dawn l-abbużi.

30.3.5.7 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq, u qal li mindu għamlulu s-sinjali, il-problemi kibru.

30.3.5.8 Qal li s'issa mhux qed jiġu numru kbir ta' turisti Wied iż-Żurrieq minħabba l-Covid-19, imma la l-ħajja tirritorna għan-normalità ser ikollna problemi kbar.

30.3.5.9 Spjega kif kważi kull ħanut qed jabbuża, min għax jarma xi ħaġa jew oħra, jew għax joħroġ xi struttura jew oħra fuq barra.

30.3.5.10 F'dan l-istant tkellem ukoll dwar il-fossa ta' Wied iż-Żurrieq, u qal li din trid tibda titbattal mill-Kunsill Lokali.

30.3.6 Is-Sindku tkellem dwar skema li l-ħwienet tal-ikel iridu jibdew jirriċiklaw l-iskart tagħhom.

30.3.6.1 Qal li rridu naraw kif ser tibda taħdem din l-iskema.

30.3.7 Is-Sindku tkellem dwar Sqaq il-Lewż u Triq Ħal Lew sabiex isiru minn Infrastruttura Malta.

30.3.7.1 Spjega kif fl-aħħar jiem sar Sqaq il-Lewż, minn wara l-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja sa wara l-Palazz tal-Bali Guarena.

30.3.7.2 Qal li l-Kunsill Lokali pprova li Sqaq il-Lewż isir kollu bil-konkos, imma ma jidhirx li t-talba tagħna ser tiġi milqugħa.

30.3.7.3 Qal ukoll li wieħed mill-isqaqien ta' Triq il-Muddejn sar bil-konkos. Dan huwa wieħed minn tliet sqaqien li hemm fit-triq.

30.3.8 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Madonna tal-Grazzja (ex Triq San Mattew), u qal li għalkemm Transport Malta tawna l-permess biex issir sleeping policeman, dawn qed jistennew il-proposta tagħna fejn irriduha ssir.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.3.8.1 Qal li minn konsulti li qed nagħmlu, jidher li l-aħjar post huwa fil-wita tat-triq bejn il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja u l-island bis-siġra tal-ħarrub, u l-Kunsilliera Marion Parnis qed tindaga jekk ir-residenti jsibux oġġezzjoni li ssir hemmhekk.

30.3.8.2 Spjega li din trid issir tat-tarmak, u ssir fit-tul, biex karozza ma tiħux daqqiet kbar.

30.3.9 Dwar korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Ellul dwar permess għal armar quddiem il-ħanut tiegħu, is-Sindku qal li l-ebda entità jew awtorità mhija tieħu responsabbilità, u kulħadd qed jitfagħha f'ħoġor il-Kunsill Lokali.

30.3.9.1 Il-Kunsillier Charles Zerafa qal li rridu noqgħodu attenti li ma jinħolqux preċedenti, għax jekk ser nagħtu lil bejjiegħ wieħed, ser jiġu oħrajn.

30.3.9.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali jista' jiddiskuti jekk joħroġx permess temporanju, u jekk l-awtoritajiet ma joġġezzjonawx, inkunu nistgħu nipproċedu.

30.3.9.3 Qal li mhuwiex sew li ċertu entitajiet jaqbdu u jagħtu permessi kif jidhrilhom, per eżempju lir-restoranti, mingħajr ma jitkellmu mal-Kunsill Lokali, u allura jħoss wasal iż-żmien li l-Kunsill Lokali jibda jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu.

30.3.9.4 Sar qbil bejn il-Kunsillieri li ser jiġu fformulati sett ta' termini u kundizzjonijiet li jiġu diskussi fil-laqgħa li jmiss.

30.3.9.5 Jekk kemm-il darba dawn it-termini u kundizzjonijiet ikunu aċċettati, allura l-Kunsill Lokali ser jibda jaħdem fuq bye-law f'dan ir-rigward.

30.3.10 Is-Sindku tkellem dwar il-bżonn li tinxtara photocopier ġdida għall-uffiċċju minħabba li dik li hemm issa għadda ħafna żmien minn fuqha.

30.3.10.1 Għadda l-kelma lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti spjegazzjoni dwar dan.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.3.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li nġiebu tliet kwotazzjonijiet ta' photocopier ġdida, li tipprintja iswed fuq l-abjad u bil-kulur.

30.3.10.3 Qal li l-kwotazzjonijiet inġiebu mingħand dawn id-ditti:

i. Avantech;
ii. Intercomp;
iii. Strand Electronics.

30.3.10.4 Spjega kif l-offerta tal-kumpanija Avantech tidher l-aktar waħda vantaġġjuża għas-somma ta' €1,855.93 flimkien ma' Full Service & Maintenance Agreement.

30.3.10.5 Il-Kunsillier Charles Zerafa ppropona li għandu nipproċedu b'din il-kwotazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda.

30.3.10.6 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament.

## 30.4 TWEĠIBIET GHALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

30.4.1 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja staqsa dwar l-istat ta' Triq Nazzareno Mifsud, fejn qal li n-niżla qiegħda ftit problematika li taħbat il-qiegħ tal-karozza.

30.4.1.1 Is-Sindku qal li din it-triq daqt titkisser, u kif inhi llum hija problematika biex tiġi rranġatha.

30.4.1.2 Il-Viċi Sindku staqsa jekk tistax issir xi ħaġa temporanja u s-Sindku wieġeb li ser jiċċekkja biex forsi jsir xi ħaġa.

30.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar ir-rapport ta' Triq it-Tempesta li kellu jsir minn Infrastruttura Malta, bis-Sindku jwieġeb li ntbagħtet talba għalih mill-Kunsill Lokali imma sal-lum ma ħadnix risposta.

30.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa dwar mera mkissra fi Triq il-Panorama, u s-Sindku wieġeb li ser issir fil-jiem li ġejjin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.4.4 Il-Viċi Sindku qal li qed isiru rapporti li d-dawl ta' Wied iż-Żurrieq mhux jixgħel, bis-Sindku jgħid li s'issa ma daħlulniex rapporti simili.

30.4.4.1 Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm rapport li xi spotlights li jagħtu lejn id-Dikkiena mhux qed jixgħelu, bis-Sindku jwieġeb li dawn diġà ġew irrappurtati.

30.4.5 Il-Viċi Sindku staqsa dwar id-data tal-Festival Agrarju tal-Patata, u qal li l-Amministratur Parrokjali infurmah li l-uniku data vojta għas-sena d-dieħla hija l-15 ta' Mejju, 2022.

30.4.5.1 Wara diskussjoni ġie deċiż li ser jitkellem mal-produtturi tal-patata biex jara jekk huwiex vijabbli għalihom li l-Festival isir dakinhar.

30.4.6 Il-Kunsillier Charles Zerafa staqsa dwar Triq RAF Krendi, jekk jistax jinqata' l-ħaxix kollu tagħha għax għadha ma tlestiex.

30.4.6.1 Is-Sindku qal li ser inkellmu lill-kuntrattur biex din titlesta mill-aktar fis possibbli.

30.4.7 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa dwar il-madum li hemm fuq il-bankina mal-ġenb tal-każin tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija.

30.4.7.1 Qal li hemm minnu li mhuwiex fl-istess livell mal-madum l-ieħor u hemm ir-riskju li jaqa' xi ħadd u jweġġa'.

30.4.7.2 Is-Sindku qal li din il-materja ser nieħdu ħsiebha bil-ħaddiema tagħna.

30.4.8 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li l-bankina ta' Triq iż-Żurrieq għandha xi covers neqsin tal-ilma, u allura dawn iridu jsiru.

30.4.8.1 Is-Sindku qal li ser nieħdu ħsiebha malajr kemm jista' jkun.

## 30.5 <u>RAPPORTI</u>

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

30.5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti mill-Kunsillieri preżenti.

## 30.14 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

30.14.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €38.054.36 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 05/21 u €74.95 u €88.45 skont il-*Petty Cash* Ref Y/4 u Y/5 rispettivament.

30.14.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

30.14.3 Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja u l-Kunsilliera Marion Parnis issekondaw din il-proposta.

30.14.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

## 30.15 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

30.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għat-Tnejn 28 ta' Ġunju, 2021 fil-17:30.

| | |
|---|---|
| **Chris Falzon** | **David Schembri** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |